MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1034/2004

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited**
**Vs**

**Joseph Pace**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta Mejju 2004, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' tliet mija u wiehed liri sebgha u tletin centezmu (LM301.37) dovuta bhala bilanc ta prezz ta merkanzija mibjugha u debitament konsenjata lilll-konvenut.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-25 ta Jannar 2006, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta’ tliet mija u wiehed lira sebgha u tletin centezmu (Lm301.37) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-prezentata ta dan l-avviz u bl-ispejjes ta’ dina l-istanza a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------